**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 380/2016 AF**

**Alfred u Gaetana konjugi Ciantar**

**vs**

**Joseph Tabone**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-atturi Alfred u Gaetana konjugi Cutajar, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti kienu akkwistaw is-sub-utile dominju temporanju tal-fond bl-indirizz 22, Parish Priest Muscat Square, Hamrun permezz ta' att pubbliku maghmul minn Nutar Dott. Joseph Cachia tal-11 ta' Frar 1971 kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. A.

Konsegwentement ir-rikorrenti pprevalixxew ruhhom mid-dispost tal-ligi, specifikament l-Art. 12 tal-Kap. 158, ossia li bhala cittadini ta' Malta u jkunu jokkupaw id-dar bhala residenza ordinarja taghhom, l-enfitewta jkollhom jedd li jibqghu jokkupaw id-dar b'kera minghand il-padrun dirett.

Ir-rikorrenti ilhom jaghmlu dan skond kif jidher fid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. B u ghalhekk hemm kirja vigenti ghal hafna snin.

L-intimat b'mod illegali, abbuziv u frawdolenti, minghajr l-gharfien tal-intimati, inserixxa terminu ta' zmien fil-ktieb tal-kera ezistenti sabiex jipprova jirriprendi lura l-fond in kwistjoni.

Minbarra s-suespost, l-allegat ftehim ta' kera datati *inter alia* 6 ta' Frar 2015, 8 ta' Mejju 2015, u specifikament dak tal-4 ta' Awwissu 2015, kopja hawn annessi u mmarkati Dok. C, jmur kontra r-rekwiziti tal-ligi stipulati fil-Kap. 16, l-Art. 1531A (b) ossia li ma jinkludix l-uzu miftiehem, u l-Art. 1531A (d) jekk din il-kera tistax tiggedded u kif, u ghalhekk huwa null ai termini tal-Art. 1531A (2) tal-Kap. 16.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-iskritturi tas-6 ta' Frar 2015, 8 ta' Mejju 2015, u specifikament dik tal-4 ta' Awwissu 2015 hija falza, hija karpita bil-frodi u li saret minghajr l-kunsens jew approvazzjoni tar-rikorrenti.

2. Tiddikjara li l-iskritturi tas-6 ta' Frar 2015, 8 ta' Mejju 2015, u specifikament dik tal-4 ta' Awwissu 2015 ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi stipulati fil-Kap. 16, l-Art. 1531A (b) ossia li ma jinkludix l-uzu miftiehem, u l-Art. 1531A (d) jekk din il-kera tistax tiggedded u kif, u ghalhekk huwa null ai termini tal-Art. 1531A (2) tal-Kap. 16.

3. Tiddikjara li l-iskritturi tas-6 ta' Frar 2015, 8 ta' Mejju 2015, u specifikament dik tal-4 ta' Awwissu 2015 hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri lilhom spettanti skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Joseph Tabone, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok u preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti mhijiex dik kompetenti sabiex tiddeciedi din il-vertenza u dan a tenur tal-Art. 1525 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghaldaqstant a tenur tal-Art. 741(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dina l-Onorabbli Qorti ghandha tibghat l-atti tal-kawza odjerna sabiex dawn jigu decizi mill-Bord li Jirregola l-Kera.

Fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghas-surreferit, mhuwiex minnu l-iskritturi ta' kera mertu tal-kawza odjerna huma 'foloz', 'karpiti bi frodi' jew li saru 'minghajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tar-rikorrenti' u dan ghaliex kif jirrizulta car mill-istess skritturi dawn gew validament negozjati, korretti u anke finalment sottoskritti mill-istess rikorrenti li kienu a pjena konoxxenza ta' dak li kien qed jinfitehem bejn il-partijiet permezz tal-istess.

Aktar minn hekk, il-kawzali surreferiti huma kontradittorji bejniethom u dan ghaliex, anke skond dak allegat minnhom, ma jistax ikun li fl-istess waqt <u>il-kunsens tar-rikorrenti gie karpit</u> bi frodi u li wkoll l-iskritturi saru <u>minghajr il-kunsens taghhom</u>.

Hekk ukoll, ir-rikorrenti ma jindikawx kif u/jew ghalfejn l-iskritturi minnhom esebiti u sottoskritti huma 'foloz'.

Ukoll minghajr pregudizzju ghas-surreferit, lanqas ma huwa minnu li l-iskritturi huma nulli a tenur tal-Kodici Civili.

Minghajr pregudizzju ghas-surreferit, it-talbiet odjerni semplici dikjarazzjoni ta' nullità mhijiex sufficjenti tenut kont illi r-rikorrenti ma ressqu ebda talba ghat-thassir tal-istess skritturi jew ghal dikjarazzjoni dwar it-titolu o meno tal-istess rikorrenti prevja tali allegata nullità.

Ghaldaqstant huwa car li t-talbiet odjerni qed isiru biss sabiex ir-rikorrenti jippruvaw jevitaw il-proceduri ta' zgumbrament prezentati mill-istess esponenti fil-konfront taghhom (qabel mal-istess rikorrenti odjerni intavolaw din il-kawza) u li jinsabu digà pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Fi kwalunkwe kaz u interament minghajr pregudizzju ghall-premess, gjaladarba l-iskritturi ta' kera jirreferu ghall-perjodi ta' kera li llum ghalqu, it-talbiet tar-rikorrenti lanqas m'ghandhom ebda utilità u dan ghaliex, di kwalunkwe kaz, jigi li r-rikorrenti qeghdin prezentement jokkupaw il-fond fl-indirizz 22, Parish Priest Muscat Square, Hamrun minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-eccezzjonijiet qeghdin jigu hawnhekk imressqin lkoll minghajr pregudizzju ghal xulxin.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat ir-relazzjoni tal-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante, maħtura minn din il-Qorti bħala espert kalligrafu fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2017 sabiex tirrelata dwar il-kopji tal-irċevuti esebiti a fol. 55 u 202 tal-proċess.

Rat it-tweġibiet tal-espert grafiku għad-domandi in eskussjoni tal-atturi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li sensiela ta' skritturi ossia riċevuti ta' ħlas ta' kera huma nulli u mingħajr effett għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors ġuramentat.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi kienu akkwistaw is-sub utile temporanju tal-fond 22, Parish Priest Muscat Square, Ħamrun, għaż-żmien li kien għad fadal minn sbatax-il sena li bdew jgħaddu mit-8 ta' Frar 1971, permezz ta' kuntratt pubbliku tal-11 ta' Frar tal-istess sena fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia.

In kwantu li meta daħal fis-seħħ l-Att XXIII tal-1979 l-atturi kienu ċittadini ta' Malta u jgħixu fid-dar bħala r-residenza ordinarja tagħhom, huma pprevalixxew ruħhom mid-dispost ta' dan l-att sabiex ikomplu jokkupaw id-dar b'kera mingħand il-padrun dirett, illum il-konvenut.

L-attur kien iħallas il-kera lill-konvenut u l-partijiet kienu jiffirmaw il-ktieb tal-kera bħala riċevuta tal-ħlas. Madanakollu, l-atturi qed jikkontestaw dak li hemm miktub fuq ir-riċevuti tas-6 ta' Frar 2015, 8 ta' Mejju 2015 u b'mod speċjali tal-4 ta' Awwissu 2015 għaliex jgħidu li huma nulli u mingħajr effett. L-atturi jikkontendu li dawn ir-riċevuti:

- Huma foloz, karpiti bi frodi u saru mingħajr kunsens jew approvazzjoni tagħhom;

- Ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-artikolu 1531A(b) u (d) u għalhekk huma nulli a tenur tal-artikolu 1531A(2) tal-Kap. 16;

- Imorru kontra dak dispost fl-artikolu 14 tal-Kap. 158.

Jirriżulta li permezz ta' dawn ir-riċevuti in kwistjoni, l-attur (għal dak li għandu x'jaqsam mal-iskritturi tas-6 ta' Frar u tal-4 ta' Awwissu 2015 u l-attriċi (għal dak li għandu x'jaqsam mar-riċevuta tat-8 ta' Mejju 2015) kienu effettivament qed jiffirmaw '*rent agreement*' għall-kera tal-fond in kwistjoni kif ukoll li qed iħallsu kera '*for a definite period of three months*'. Il-konvenut ipproċeda b'kawża ta' żgumbrament fil-konfront tagħhom quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera in kwantu li qed jippretendi li l-partijiet iffirmaw skrittura ta' kera ġdida permezz ta' kull waħda minn dawn it-tlett skritturi u li llum il-ġurnata din il-kera għalqet peress illi l-partijiet ftehmu li ż-żmien tal-kera l-ġdida jkun definit. Dawn il-proċeduri għadhom pendenti.

L-attur jgħid illi dejjem mar iħallas il-kera lill-familja tal-konvenut iżda f'Novembru 2015 il-konvenut ma riedx jaċċetta kera għaliex qallu li kien qiegħed jokkupa d-dar mingħajr kuntratt. Ikompli billi jgħid li kien wara dan l-episodju li rċieva ittra mingħand il-konvenut fejn ġie mitlub jibda jħallas €3,600 fis-sena bħala kera jew inkella jirritorna ċ-ċwievet u kien biss sussegwentement, meta mar għand avukat, li induna b'dak li l-konvenut kien kiteb fil-ktieb tal-kera.

In linea preliminari, il-konvenut jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti a tenur tal-artikolu 1525 tal-Kap. 16. Madanakollu, din l-eċċezzjoni m'għandhiex mis-sewwa in kwantu li permezz ta' din il-kawża, l-atturi qed jikkontestaw il-validità tal-iskritturi ta' kera ffirmati minnhom u l-proviso għal dan l-artikolu jgħid ċar u tond li:

> *"Iżda kwistjonijiet dwar il-validità ta' kuntratt ta' kirja, għandhom jiġu mistħarrġa mill-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, b'dan illi kull kwistjoni oħra in segwitu għad-determinazzjoni ta' tali kwistjonijiet dwar validità għandha tkun fil-kompetenza tal-Bord tal-Kera."*

Il-konvenut jeċċepixxi imbagħad illi mhuwiex minnu li l-iskritturi huma foloz, karpiti bi frodi jew li saru mingħajr il-kunsens tal-atturi. Jeċċepixxi wkoll li l-kawżali huma kuntradittorji in kwantu li ma jistax ikun li l-kunsens tal-atturi ġie karpit bi frodi u fl-istess waqt li l-iskritturi saru mingħajr il-kunsens tagħhom.

A tenur tal-artikolu 966:

> *"Ir-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:*
>
> *(a) illi l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw;*
> *(b) il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu;*
> *(ċ) ħaġa żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt;*
> *(d) kawża leċita biex wieħed jobbliga ruħu."*

Skont l-artikolu 974:

> *"Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa."*

L-artikolu 981 imbagħad jiddisponi li:

> *"(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat*."

In linea ta' prinċipju ġenerali, dwar il-qerq bħala vizzju tal-kunsens, fil-każ ta' George Portelli et vs Ivan John Felice, tat-28 ta' Lulju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir eżaġerat dwar xi kwalità tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni. Fil-kaz tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawża ta' nullità tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta'*

*persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi;*

*Illi peress li l-għamil doluz ma jistax ikun prezunt, fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din. Fil-kaz prezenti, dan il-piz jaqa' fuq l-imħarrek rikonvenjent;*

*Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikultà zejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'każ bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuza faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-għamil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun;"*

Dwar x'jammonta għal dolo u mala fede bħala vizzju tal-kunsens, ingħad hekk fis-sentenza ta' Reverendu Don Francesco Zammit et vs Avukat Dr Anthony Farrugia et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Marzu 1967:

"*...id-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz a' qerq (raġġiri) biex tiddevija r-rieda tal-ieħor billi tipprovoka żball ('errore'), Infatti, ikkunsidrat min-naħa tad-deceptor, id-dolo hu raġġir waqt li, kunsidrat min-naħa tad-deceptus, hu żball. Il-liġi, li diġà tikkontempla l-iżball bħala vizzju tal-kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar il-bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anki meta l-iżball ma jkunx ġuridikament suffiċjenti biex waħdu iġib għan-nullità*."

Ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Anthony Piscopo vs Charles Filletti, tas-16 ta' Ġunju 2003 li:

"*A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta";*

*Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;*

*Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo", Prim'Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih."*

B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li mhuwiex minnu li l-kunsens tal-atturi kien vizzjat b'għemil doluż.

Mill-provi rriżulta li l-attur qed jallega li huwa ma kienx qara dak li kien qed jiffirma. Asserzjoni din li hija kontestata mill-konvenut in kwantu li skont hu, l-attur mhux talli kien qed jaqra u jifhem dak li l-konvenut kien qed jikteb fil-ktieb tal-kera, iżda talli l-attur stess ġibidlu l-attenzjoni għal żewġ żbalji li l-konvenut kien għamel meta kien qiegħed jikteb u ċioè fin-numru tal-karta tal-identità tiegħu (l-attur) u fl-indirizz tal-fond (il-konvenut kiteb 'Mifsud' minflok 'Muscat').

Dwar min mill-kontendenti kiteb il-kelma 'Muscat' fil-ktieb tal-kera sabiex jikkoreġi l-iżball illi għamel il-konvenut, l-espert grafiku waslet għall-konklużjoni li l-kelma 'Muscat' miktuba fuq l-iskrittura jew ir-riċevuta in kwistjoni '*hemm possibilità li għamilha Alfred Ciantar aktar milli li għamilha Joseph Tabone.*'

Iżda anke li kieku l-Qorti kellha temmen il-verżjoni tal-attur li huwa ma kienx qara l-iskritturi qabel iffirmahom, ma jistax jippretendi li l-kunsens tiegħu fuq dawn l-iskritturi kien ivvizjat sempliċiment għaliex huwa ma ħax ħsieb jaqra dak li għalih kien ser iffirma. Kif intqal proprju mill-Qorti tal-Appell fil-każ riċenti fl-ismijiet Carmel Charles Borg vs APS Bank Limited, tat-30 ta' Ġunju 2021:

*"Din hi asserzjoni bla bażi għax jekk ma jaqrax dak li ffirma, irid jerfa' r-responsabilità tagħha. Ma tistax persuna tressaq skuża li hi ma hiex marbuta b'kuntratt għax ma qratux qabel ma ffirmatu. Jekk persuna ma tafx taqra, trid titlob li jinqara lilha u jekk hemm bżonn, jiġi spjegat lilha, iżda jekk taqbad u tiffirma imputet sibi."*

Kif jidher mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, ma jistax jiġi allegat frodi meta l-fatti kienu faċilment aċċertabbli. Għalkemm il-Qorti mhijiex konvinta mill-verżjoni tal-konvenut li l-attur kien qiegħed jifhem il-konsegwenzi ta' dak li qiegħed jiffirma, ladarba l-attur qabad u ffirma, kemm jekk qara l-iskrittura u kemm jekk ma qara xejn u ffirma mingħajr ma talab parir, ma jistax issa jallega li l-konvenut qarraq bih meta huwa seta' faċilment aċċerta ruħu dwar dak li għalih kien qiegħed jiffirma.

L-atturi imbagħad jallegaw nullità tal-iskritturi ai termini tal-artikolu 1531A(b) u (d) tal-Kap. 16 in kwantu li fuq l-iskritturi ma hemmx indikat l-użu miftiehem u jekk il-kera tistax tiġġedded u kif.

A tenur ta' dan l-artikolu:

*"(1) Għar-rigward ta' kirja ta' fond urban u ta' dar għall-abitazzjoni u ta' fond kummerċjali li jsiru wara l-1 ta' Jannar, 2010, il-kuntratt ta' kiri għandu jkun bil-miktub u jistipula:*

*(a) il-fond li ser jinkera;*

*(b) l-użu miftiehem;*

*(ċ) iż-żmien li għalih dak il-fond ikun ser jinkera;*

*(d) jekk dan il-kera jistax jiġġedded u kif;*

*(e) kif ukoll l-ammont ta' kera u l-mod kif dan għandu jitħallas.*

*(2) Fin-nuqqas ta' wieħed jew aktar minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali, il-kuntratt ikun null.*

*(3) Il-kirja ta' fond urban, dar għall-abitazzjoni u fond kummerċjali li ssir wara l-1 ta' Jannar, 2010 għandha tkun regolata esklussivament bil-kuntratt ta' kera u bl-artikoli ta' dan il-Kodiċi:*

*Izda li kirjiet residenzjali privati għandhom ikunu regolati mill-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali."*

Il-Qorti tqis illi l-atturi għandhom raġun jgħidu li in kwantu l-konvenut qed jallega li l-partijiet iffirmaw skrittura ta' kera ġdida fis-6 ta' Frar, 8 ta' Mejju u 4 ta' Awwissu 2015, dawn l-iskritturi huma nieqsa minn waħda mir-rekwiżiti essenzjali skont l-artikolu suċitat in kwantu li ma hemmx imniżżel l-użu miftiehem.

Iżda aktar importanti minn hekk, il-Qorti hija tal-fehma li kemm skont kif kien jaqra l-artikolu 14 tal-Kap. 158 fiż-żmien illi saru l-iskritturi in kwistjoni u kemm skont kif jaqra llum, il-konvenut ma setax jillimita d-drittijiet li jgawdu l-atturi taħt dik il-liġi bil-mod illi għamel.

L-artikolu 14 tal-Kap. 158 illum jaqra hekk:

*"Pattijiet li jorbtu lill-kerrej għal kondizzjonijiet li huma ferm anqas vantaġġjużi minn dawk mogħtija f'din l-Ordinanza, sew jekk dawn il-pattijiet ikunu ġew miftiehma qabel l-1 ta' Ġunju, 2021 jew wara, għandhom jitqiesu nulli u mingħajr effett."*

Fiż-żmien illi saret din il-kawża, dan l-artikolu kien jaqra hekk:

*"(1) Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u, b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' l-imsemmija espressjoni, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 5, 7, 12 u 13, għandu jkollhom effett minkejja kull ftehim, obbligazzjoni, wegħda jew għemil jew ħaġ'oħra li hi kuntrarja għal, jew li tillimita, jew li tkun tidher li tillimita, xi wieħed mill-jeddijiet mogħtija b'dawk id-disposizzjonijiet lill-kerrej, enfitewta jew okkupant ta' dar ta' abitazzjoni, u meta persuna li teżerċita xi wieħed mill-imsemmija jeddijiet issir, bis-saħħa ta' xi ftehim, obbligazzjoni, wegħda jew għemil jew ħaġa oħra*

*bħal dik, suġġetta li teħel xi penali jew obbligu ieħor jew xi konsegwenza oħra jew effett ieħor, kull ftehim, obbligazzjoni, wegħda jew għemil jew ħaġa oħra tkun, sal-limitu li tipprovdi li dik il-persuna tkun hekk suġġetta kif intqal qabel, nulla u mingħajr effett.*

*(2) Kull rinunzja u kull restrizzjoni jew limitazzjoni ta' xi wieħed mill-jeddijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, isiru kif isiru, u kull ħaġa li tissuġġetta xi jedd bħal dak għal xi obbligu jew responsabbiltà, tkun nulla u mingħajr effett."*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Raymond Pizzuto et vs Giovanna Schembri et, tal-20 ta' Marzu 2003, ingħad proprju li:

*"Dan l-artikolu hu car bizzejjed fid-disposizzjoni tieghu meta jghid li ebda ftehim jew obbligazzjoni, anke jekk maghmul wara d-dhul fis-sehh tal-emendi, ma tista' tmur kontra l-provediment tal-artikolu 5 tal-Kap. 158. Dik l-obbligazzjoni, in kwantu tmur kontra l-artikolu 5, ghandha titqies nulla u bla effett, u l-fatt li l-atturi, ghal xi zmien, accettaw l-awment fil-kera, ma jfissirx li dak li kien null sar validu. Dak li hu invalidu jew annullabbli jista' jsir validu jekk dak li jkun jirrinunzja ghad-dritt li taghtih il-ligi li jannulla l-att jew jekk jirratifika dak l-att, però, dak li hu null, b'disposizzjoni espressa tal-ligi, jibqa' null u inefikaci.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabblii Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Gunju, 1994, fil-kawza fl-ismijiet "Callejja vs Pule'", fejn kundizzjoni f'kuntratt ta' kera li tipprojbixxi lis-sid milli qatt jgholli l-kera, giet dikjarata nulla ghax tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Att numru XXIII tal-1979, l-Att li jemenda l-Kap. 158. Is-sid gie moghti d-dritt, bl-artikolu 5(3)(c) tal-imsemmi Kap, li jgholli l-kera ta' fond dekontrollat mikri lill-cittadin Malti bhala residenza ordinarja tieghu kull hmistax-il sena, u dan il-provediment ma jistax jigi mittiefes, la biex ikun ta' pregudizzju ghas-sid, u lanqas biex ikun ta' pregudizzju ghall-inkwilin."*

Il-kliem tal-liġi huwa ċar u ma jagħtix lok għall-ebda interpretazzjoni. Hawnhekk japplika wkoll il-prinċipju *lex specialis derogat lex generalis*. Mhux kontestat illi tal-inqas sa qabel ma ġew iffirmati l-iskritturi in kwistjoni, l-atturi kienu qed jokkupaw il-fond b'kirja valida a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 158. Jirriżulta ċar u tond illi l-iskritturi li ffirmaw il-partijiet huma bi ksur tal-artikolu 14 tal-Kap. 158 in kwantu li jnaqsu d-drittijiet tal-atturi bħala inkwilini rikonoxxuti taħt dik il-liġi. Għal din ir-raġuni wkoll, l-atturi għandhom raġun jgħidu li dawn l-iskritturi ma jiswewx.

Il-konvenut jeċċepixxi wkoll li l-atturi ma ressqu l-ebda talba għat-tħassir tal-iskritturi jew dikjarazzjoni dwar it-titolu tagħhom kif ukoll illi l-atturi qegħdin biss jippruvaw jevitaw proċeduri ta' żgumbrament preżentati mill-konvenut fil-konfront tagħhom. Finalment, jeċċepixxi li fi kwalunkwe każ, l-iskritturi in kwistjoni jirreferu għal kera li għalqet u allura t-talbiet attriċi m'għandhom l-ebda utilità u li dan ifisser li l-atturi qed jokkupaw il-fond in kwistjoni mingħajr l-ebda titolu fil-liġi.

Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti, l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet li jsemmi l-konvenut m'għandha titqies li hija ta' ostakolu għall-atturi sabiex jottjenu dikjarazzjoni ta' nullità tal-iskritturi mertu tal-każ. Il-kwistjoni tat-titolu tal-atturi tmur lil hinn mill-parametri ta' dak li ntalbet tissendika l-Qorti permezz ta' din l-azzjoni imma dan ma jfissirx illi t-talbiet attriċi m'għandhom l-ebda utilità u lanqas li l-atturi jkunu qed jokkupaw il-fond in kwistjoni mingħajr l-ebda titolu fil-liġi fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 14 tal-Kap. 158.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel talba, tilqa' t-tieni u tielet talba in kwantu li bħala skritturi ta' kera l-iskritturi tas-6 ta' Frar 2015, 8 ta' Mejju 2015 u 4 ta' Awwissu 2015 huma nulli in kwantu li saru bi ksur tal-artikolu 1531A(b) tal-Kap. 16 u tal-artikolu 14 tal-Kap. 158 kemm kif kien jaqra fis-sena 2016 meta saret din il-kawża u kemm kif jaqra llum.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal terz mill-atturi u żewġ terzi mill-konvenut b'dan illi l-atturi għandhom iħallsu huma l-ispejjeż relatati mal-inkarigu tal-espert kalligrafu.

IMHALLEF

DEP/REG